MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Numru. 591/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Noel Buhagiar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Noel Buhagiar, li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fis-6 ta' Awissu 1998 u fix-xhur precidenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' LM3000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Mario Tanti, Gerry Vella u Carmel Magri. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-13 ta’ Gunju, 2001 Mario Tanti, Joe Vella u Carmel Magri baghtu ittra fejn ilmentaw mal-pulizija fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi fil-kapacita tieghu ta’ Direttur tal-kumpannija Small Shops Ltd kien immisappropja s-somma ta’ tlett elef lira. Dawn il-persuni Tanti, Vella u Magri qalu lill-pulizija illi huma kienu hallsu lill-imputat s-somma ta’ elf lira li permezz taghha xtraw b’elf lira shares kull wiehed f’din il-kumpannija Small Shops Ltd u wara illi ghamlu hekk l-imputat qatt ma intestahom f’dan is-sehem fil-kumpannija. Huma qalu lill-pulizija li damu jixtru xi zmien minghand din l-kumpannija, izda meta il-kumpannija waqfet huma baqghu minghajr l-elf lira li kienu hallsu, jew l-ekwivalenti taghha f’ishma fil-kumpannija. Dawn il-persuni qalu lill-pulizija li huma kienu ‘retailers’, wiehed minnhom ghandu hanut tal-grocer u din il-kumpannija Small Shops Limited kienet giet imwaqqfa precizament bl-iskop sabiex huma, bhala sidien ta’ hwienet zghar ikunu jistghu jixtru merkanzija minghand din il-kumpannija bi prezz baxx peress li l-kumpannija li tkun qeghda tirrapprezenta diversi shares holders u tista tixtri l-merkanzija hi bil-grossa u b’hekk il-prezz jorhos u b’hekk dawn il-hwienet iz-zghar ikunu jistghu jikkompetu ma hwienet kbar fis-suq. Barra minn hekk huma kellhom l-intenzjoni li ser ikunu jistghu izidu anke l-qligh taghhom. Effettivament, il-kumpannija twaqqfet fl-1990 u damet tahdem madwar sena. Il-

kumpannija kien fiha ghaxar Diretturi u ghoxrin shareholder. Pero’ Vella, Tanti u Magri qalu lill-pulizija li ghalkemm ma kienux hadu s-shares fil-kumpannija bdew jixtru minghand din il-kumpannija daqs li kieku kienu shareholders u allura l-beneficcji li kienu jgawdu minnhom is-shareholders huma kienu qeghdin igawdu minnhom ukoll. Vella, Magri u Buhagiar spjegaw lill-pulizija illi ghalkemm ma kienux shareholders fil-kumpannija xorta wahda kellhom dan il-beneficcju li jgawdu minn dawn il-prezzijiet baxxi. Huma qalu lill-pulizija li l-kumpannija waqfet f’Mejju tal-1999 wara li kienet dahlet f’diffikultajiet finanzjarji. L-Ispettur Joseph Cordina xehed illi huwa kellem lill-imputat li wara li tah is-solita twissija huwa irrilaxxalu stqarrija fejn ikkonferma li huwa Direttur flimkien ma persuni ohrajn tal-kumpannija Small Shops plc u kumpanniji ohrajn. Mistoqsi x’kienet il-funzjoni tal-kumpannija Small Shops l-imputat wiegeb li din il-kumpannija kienet maghmula minn numru ta’ shareholders li ilkoll kienu sidien tal-hwienet tal-merca. Hu qal li kienu Diretturi hu u huh flimkien ma Diretturi ohrajn f’din il-kumpannija u li din il-kumpannija kienet tixtri l-prodotti bil-grossa, tiftahom fl-imhazen taghha u is-shareholders ikunu jistghu jixtru minn din il-merkanzija bi prezzijiet vantaggjuzi. L-imputat spjega li biex wiehed isir shareholder ried jixtri share ta’ elf lira u qal li kien hemm ghoxrin shareholder irregistrati f’din il-kumpannija. Huwa qal ukoll illi kien hemm numru ta’ shareholders li ma kienux registrati, ma ftakarx kemm kien hemm minnhom, imma haseb li kien hemm xi disgha jew ghaxra. L-imputat spjega illi apparti li kien Direttur ta’ din il-kumpannija kellu wkoll il-funzjoni li jiehu hsieb il-hrug u d-dhul tax-xoghol, jiehu hsieb l-invoicing u jigbor l-ordnijiet. Mistoqsi kif jispjega li kien hemm shareholders irregistrati u ohrajn mhux irregistrati, l-imputat qal lill-Ispettur li ma setax jirrispondi din id-domanda. Mistoqsi dwar Tanti, Vella u Magri, li hallsu elf lira kull wiehed biex isiru shareholders, izda ma kienux shareholders fil-kumpannija, l-imputat qal, illi kien ta l-karti kollha lill-accountant tieghu flimkien ma karti ta’ persuni ohrajn u l-accountant ma kien ghamel xejn. L-imputat qal ukoll lill-Ispettur illi kien jaf li l-accountant kien hareg lil dawn il-persuni l-ircevuta ta’ elf lira il-wiehed. L-imputat qal lill-Ispettur ukoll illi kien kellem

lill-accountant diversi drabi fuq din il-problema peress illi kien icempillu hafna drabi u kien jghidlu biex ifittex johrog dawn is-shares. Mistoqsi x'kien ghamel bil-flus li kienu tawh dawn il-persuni li ma kienux saru shareholders, l-imputat wiegeb illi kien qieghed dawn il-flus il-bank fil-kont li kellha l-kumpannija fil-Bank of Valletta. Mistoqsi x'sar b'dawn il-flus li gew depozitati bl-ghan specifiku li dawn l-persuni jsiru shareholders tal-kumpannija, l-imputat wiegeb illi l-flus kienu intuzaw ghal affarijiet ohrajn. Huwa wiegeb illi l-kont illum huwa maghluq u ma hemmx flus likwidi u qal ukoll illi l-kumpannija ghandha iddahhal xi ftit inqas minn tnax il-elf lira filwaqt illi ghandha taghti madwar hmistax il-elf lira. L-imputat gie mistoqsi jekk jidhirlux li min hareg il-flus biex jixtri share gie imqarraq la darba dawn il-flus ma intuzawx ghal dan l-iskop, izda intuzaw ghal skop iehor. L-imputat wiegeb illi l-process kien qed isir, "jien qatt ma ridt inqarraq b'hadd, l-accountant kien li ma marx jirregistrahom". L-imputat informa lill-pulizija illi l-accountant kien certu Saviour Cauchi. Huwa qal illi Mario Tanti u Gerry Vella kienu gew minn jeddhom sabiex jidhlu shareholders fil-kumpannija. L-imputat qal ukoll li qabel ma fethet il-kumpannija kienu saru numru ta' meetings fejn kullhadd gie mistieden u kien liberu li jaghzel jekk jidholx shareholder jew le, wara li kien gie spjegat lilu l-ghanijiet tal-kumpannija li kellha tigi iffurmata.

Illi l-Ispettur Cordina kompla jixhed illi huwa kellem lil dan Saviour Cauchi, l-accountant, u s-Sur Cauchi kien qallu li l-imputat kien avvicinah u qallu li xtaq jiftah kumpannija bl-isem Small shops plc bl-intenzjoni li jixtri affarijiet bil-grossa u kienu isiru diversi public meetings biex ihajjru prospective shareholders sabiex tinfetah din il-kumpannija. Il-kumpannija infethet b'madwar ghoxrin shareholder li kienu urew l-interess u kienu hallsu l-elf lira biex isiru shareholders. L-Ispettur xehed illi Cauchi qallu illi dawn il-flus tas-shareholders kien zammhom hu, jigifieri l-accountant, sa kemm infethet il-kumpannija u l-kumpannija kellha l-accounts taghha. Il-kumpannija kienet harget ukoll ircevuti lil dawk kollha li kienu hallsu dawn l-elf lira. Wara li giet stabbilita l-kumpannija l-imputat baqa jahdem sabiex igib izjed shareholders, kien ghadda xi karti lil Cauchi dwar persuni li kienu hallsu l-elf

lira biex isiru shareholders sabiex dawn il-persuni jigu mizjuda mal-lista tas-shareholders. Cauchi spjega lill-Ispettur illi huwa kien gibed l-attenzjoni kemm tal-imputat kif ukoll ta' persuni ohrajn li sabiex isir dan, jigifieri biex jizdiedu shareholders ohrajn fil-kumpannija kien hemm bzonn li jinbidel l-istatut tal-kumpannija. Cauchi wkoll qal lil Ispettur illi ghalkemm l-imputat kien gabar il-flus f'Marzu huwa kien sar jaf b'dan il-fatt f'Awissu ta' wara u kien fil-fatt f'Awissu li hargu l-ircevuti. L-accountant kompla jispjega lill-Ispettur illi huwa kien ipprepara l-emendi li kien hemm bzonn sabiex dawn il-persuni isiru shareholders, imma it-tibdil fil-fatt qatt ma sar. Dwar dawn it-tlett elef lira partikolari Saviour Cauchi kien qal lill-Ufficjal Prosekutur illi dawn il-flus huwa fil-fatt qatt ma kien rahom.

Illi xehed Mario Tanti, wiehed minn dawk it-tlett persuni illi hallas elf lira lill-imputat sabiex isir shareholder fil-kumpannija Small Shops plc. Tanti xehed illi ghandu grocery store self service, kien ghamel kwerela lill-pulizija peress illi kien ta s-somma ta' elf lira lill-imputat biex jidhol shareholder fil-kumpannija Small Shops plc u dawn l-elf lira skond hu ma jafx x'sar minnhom. Pero' wara xi zmien sar jaf li mhuwiex shareholder fil-kumpannija Small Shops plc. Il-flus kien tahom lill-imputat b'dan l-iskop u ma talabhomlux lura peress illi l-kumpannija umbaghad kienet diga' falliet u xoljiet meta huwa sar jaf li ma kienx shareholder. Huwa xehed illi kien kellem Avukat illi kien kiteb lill-imputat, kif ukoll lill-accountants. Huwa xehed ukoll illi l-ircevuta l-imputat ma kienx tahielu mal-ewwel, imma kien irceviha wara certu zmien, wara xi xhur, u li ma kienx harigha l-imputat, imma kien irceviha minghand l-accountants Cauchi Castillo. Huwa xehed illi shabu illi kienu diga dahlu bhala shareholders fil-kumpannija kienu jiehdu l-merci mill-kumpannija bil-prezz ta' 2% iktar milli tinxtara u ghalhekk kien ser ikun hemm il-qliegh. Huwa xehed illi mar fejn il-post fejn kien hemm il-kumpannija u kien kellem lill-imputat li kien spjegalu bil-vantaggi jekk jidhol shareholder fil-kumpannija. Huwa xehed illi dam jiehu l-merci mill-kumpannija xi sena. Huwa induna li ma kienx shareholder ghaliex wara li l-kumpannija zarmat shabu bdew jaraw l-affarijiet u raw li ismu ma kienx gie inkluz fuq il-lista tax-shareholders. Mario Tanti xehed

ukoll illi minkejja li ma kienx fil-fatt shareholder huwa xorta wahda kien jixtri l-merci minghand il-kumpannija Small Shops plc b'dan il-prezz vantaggjuz. Huwa esebixxa l-ircevuta datata 6 ta' Awissu, 1998 li tghid hekk : "Received from Mr Mario Tanti, BOV cheque number 2238 amounting to one thousand Maltese liri (LM1,000) being payment for one ordinary share of LM1,000 each in Small Shops plc, company in formation", liema ircevuta gie iffirmata minn Ruth Frendo ghal Cauchi & Abdilla Castillo, li huma "certified public accountants".

Illi umbaghad xehed Gerald Vella illi qal illi huwa 'grocer' u kien ukoll ghamel rapport lill-pulizija ezattament bhal ma kien ghamel Mario Tanti. Huwa xehed illi sar jaf b'din il-kumpannija Small Shops plc. Huwa kien gie spjegat il-vantaggi ta' din il-kumpannija u shabu kienu qalulu li jekk kien interessat kellu johrog is-somma ta' elf lira. Huwa xehed illi hallas l-elf lira lill-imputat li kien tah ircevuta u kien tah ukoll applikazzjoni li giet esebita u giet immarkata bhala Dokument GV2. Umbaghad ikkorega x-xhieda tieghu u qal illi l-applikazzjoni nesa ezattament meta kien irceviha. Huwa xehed illi ried jidhol bhala shareholder f'din il-kumpannija biex jibda jixtri merkanzija bl-irhis minghand il-kumpannija. Fil-fatt ghalkemm ma kienx shareholder kien jixtri l-merkanzija bl-irhis minghand din il-kumpannija bhalma kienu jaghmlu s-shareholders tal-kumpannija. Huwa kien jaqbillu jixtri minn hemm ghaliex kien qieghed jiffranka u kien jaqbillu wkoll ghaliex kien jahseb li kien shareholder u kien jghid "isma eventwalment allura jaqbilli nixtri minn hemm biex niehu d-"dividends" peress li jiena shareholder".

Illi effettivament Gerald Vella esebixxa form of application li hija "application form to subscribe for one ordinary share of LM1,000 each in Small Shops Limited, company in formation". Huwa kien fil-fatt iffirma din l-applikazzjoni fis-17 ta' Marzu, 1998. Madanakollu baqa' ma sarx shareholder fil-kumpannija. Gerry Vella esebixxa wkoll ircevuta datata 6 ta' Awissu 1998, wkoll iffirmata minn Ruth Frendo li tghid illi gew ircevuti l-ammont ta' elf lira bhala pagament "for one ordinary share of LM1,000 each in Small Shops plc company in formation".

Illi finalment xehed Carmel Magri u qal illi wkoll ghandu hanut tal-grocer u li wkoll kien mar ikellem lill-Ispettur Cordina peress illi bhat-tnejn illi xehedu qablu huwa kien hallas l-elf lira biex isir shareholder fil-kumpannija Small Shops plc u sar jaf illi qatt ma kien sar shareholder ta’ din il-kumpannija. Huwa xehed illi kien ghadda is-somma ta’ elf lira lill-imputat. L-imputat kien spjegalu bil-vantaggi tal-kumpannija u kien weghedu li kien ser jibghatlu karta li turih li kien fil-fatt shareholder. Pero’ din il-karta huwa baqa ma ircevihiex. Madanakollu x-xhud qal illi minkejja l-fatt illi qatt ma kien sar shareholder huwa dejjem xtara merkanzija minghand il-kumpannija bl-irhis kif xtrawha shabu illi fil-fatt kienu shareholders tal-kumpannija.

Illi xehed Saviour Cauchi, l-accountant u qal illi lill-imputat jafu peress li kien tah servizz bhala accountant. L-imputat kien mar ghandu sabiex tigi iffurmata il-kumpannija Small Shops plc li giet iffurmata fit-12 ta’ Marzu, 1998. L-imputat kien kellmu biex jifforma kumpannija pubblika sabiex isir xoghol ta’ wholesaling. Huwa ipprepara l-istatut tal-kumpannija, spjegalu l-obbligazzjonijiet taghhom taht il-Company’s Act u l-imputat gietu l-ideja li ihajjar lil xi nies biex ikunu membri fis-socjeta’. L-incentiva kienet illi jinghaqdu il-hwienet iz-zghar biex jixtru l-istock taghhom bil-‘bulk’ u b’hekk jiehdu ‘discount price’ u jkunu jistghu jikkompetu mal-hwienet il-kbar fuq is-suq. Gie deciz li kull membru li jakkwista share f’din il-kumpannija irid johrog is-somma ta’ elf lira. Originarjament ingabru dsatax il-elf lira u dawn tpoggew f’bank account tas-socjeta’ li giet iffurmata. Fil-fatt fil-bidu kien hemm ghoxrin shareholder f’din il-kumpannija. Pero’ ghall-ewwel kien hemm xi flus li kienu ghadhom ma ingabrux u allura s-shares illi hargu fil-bidu ma kienux “fully paid”. Is-Sur Cauchi xehed illi f’Awissu, 1998 kien jaf li kienu dahlu membri ohrajn f’din il-kumpannija u dana peress illi l-imputat kien tah “subscription forms” sabiex dawn in-nies jidhlu socji fil-kumpannija. Kienu dahlu tmienja ohra u l-imputat kien thallas il-flus kollha minghand dawn il-persuni li riedu jsiru membri godda fil-kumpannija u lis-Sur Cauchi irrizultalu li l-imputat kien thallas ghaliex fuq is-“subscription form” l-imputat kien iffirma li kien qieghed jircevi l-flus minghand

kull persuna, jigifieri s-somma ta' elf lira minghand kull persuna. Bhala company secretary tal-kumpannija is-Sur Cauchi xehed illi l-flus ta' dawn il-membri godda prospettivi qatt ma kienu gew ghandu. Normalment il-flus ma jigux ghandu. Ghal bidu l-flus li kienet gabret il-kumpannija kienu gew fil-kustodja tieghu, pero' appena iffurmat ruhha l-kumpannija il-flus kienu gew depositati f'akkont bankarju tal-kumpannija. Is-Sur Cauchi xehed illi dawn l-ahhar tmien persuni li semma qatt ma saru membri fil-kumpannija u dana peress illi l-istatut tal-kumpannija qatt ma kien gie mibdul f'dan is-sens. Hadd mid-Diretturi skond is-Sur Cauchi ma kien talbu sabiex jaggorna l-istatut tal-kumpannija sabiex jidhlu dawn is-shareholders il-godda. Huwa kien qalilhom illi ahjar jiltaqa l-bord biex jirrevedu l-istatut. Pero' l-bord baqa ma iltaqax. Is-Sur Cauchi xehed illi l-kuntatt tieghu dejjem kien mal-imputat u mhux mal-persuni l-ohrajn. Huwa kien gibed l-attenzjoni tal-imputat f'dan is-sens diversi drabi u l-imputat kien dejjem jghidlu li meta jiltaqa l-bord jaghmlu dak li hemm bzonn. Is-Sur Cauchi xehed illi ma kienx jaf jekk fil-fatt il-bord iltaqax formalment, imma jahseb illi l-bord iltaqa, anke jekk mhux formalment. Pero' ufficjalment qatt ma sar "board meeting" quddiemu. Qatt ma kien avzat la biex issejjah meeting u lanqas biex ikun prezenti ghal xi meeting kif suppost ghandu jsir. Is-Sur Cauchi kompla jixhed illi skond il-"memorandum and articles" tal-kumpannija Small Shops plc din il-kumpannija kellha titmexxa minn bord tat-diretturi kompost minn seba' diretturi. Dawn il-persuni kollha iffirmaw il-"memorandum and articles" sabiex giet irregistrata l-kumpannija. Skond l-istatut biex ikun hemm "quorum" ghal laqgha tal-bord suppost illi jrid ikun hemm prezenti erba diretturi u l-"company secretary" ghandu johrog "notices" ta' "board meetings" u ta' "general meetings". Is-Sur Cauchi xehed illi huwa darba biss hareg notice meta irrizultalu illi anke kienu nehhewh minn segretarju tal-kumpannija minghajr ma kien jaf u fuq talba ta' whud mid-Diretturi huwa kien sejjah meeting. Fil-fatt il-meeting kien sar u dakinhar kien prezenti. Dik il-habta il-kumpannija kienet diga waqfet milli topera. Is-Sur Cauchi kompla jixhed illi darba minnhom kienu kitbulu biex jiltaqghu fid-19 ta' Frar, umbaghad sejjah meeting fis-17 ta' Marzu tas-sena 2000

u ghal dan il-meeting attendew hafna mil-membri. Meta sar il-meeting fid-19 ta' Frar kien hemm is-shareholders kollha. Il-"bank account" tal-kumpannija kien mal-Bank of-Valletta fil-fergha ta' Hal-Qormi. L-imputat kien ghaddielu d-dettalji tal-membri prospettivi godda sabiex ikun infurmat bihom u jiehu hsieb jinkludihom fil-"memorandum". Imma huwa dan ma setghax jaghmlu qabel ma jiltaqa l-bord. Il-procedura kienet illi l-bord tad-diretturi flimkien kellu japprova l-membri l-godda u allura din kienet haga li ma setghax jaghmilha l-imputat wahdu. Is-Sur Cauchi ma setghax jikkonferma jekk il-flus li ingabru mill-imputat ghaddewx jew le fil-bank account li kellha il-kumpannija fil-fergha tal-BOV Hal-Qormi. Huwa ma staqsiex lill-imputat fejn kienu l-flus. Pero' l-imputat kien qallu li dawn il-membri prospettivi kienu hallsu. Waqt il-meetings illi saru meta hareg in-notices hu il-membri li kienu dahlu fis-socjeta' kienu tawh x'jifhem illi kienu b'xi mod ibbenifikaw mid-dhul taghhom f'din is-socjeta. F'Awissu 1998 l-imputat kien ghaddielu d-dettalji ta' tmien membri prospettivi li kienu Gracie Bugeja, Nazju Abela, Marthese Vella, Emanuel Borg, Jerry Vella u Mario Tanti. Bid-dettalji illi tah is-Sur Cauchi diga kellu d-dettalji kollha necessarji biex idahhal lil dawn il-persuni bhala membri godda. Huwa fil-fatt ukoll kien aggorna l-"memorandum" tal-kumpannija. Kien diga ghamel hekk biex ikun jista idahhalhom bhala membri godda. Kien ghamel hekk pero' in draft form u kien qieghed jistenna biss illi jiltaqa l-bord u jistenna l-istruzzjonijiet tal-bord. Is-Sur Cauchi xehed illi l-kwistjonijiet ili kellu l-imputat mad-diretturi l-ohrajn huwa sar jaf bihom biss meta waqfet topera l-kumpannija f'Mejju 1999. Is-Sur Cauchi qabel ukoll illi meta l-imputat thallas minn dawn il-membri prospettivi il-kumpannija kienet ghadha kif giet iffurmata u kienet qeghda topera fil-bidu taghha. Huwa xehed illi kien jaf li l-membri tas-socjeta' kienu bdew jixtru bil-"bulk". Pero' ma jafx jekk sarx "audit account" tal-kumpannija. Pero' kien jaf li kienu qeghdin jippruvaw jaghmlu l-accounts. Sar jaf li l-accountant tal-kumpannija kien certu Stephen Balzan, li qatt ma kien ha "over" minghandu ghaliex fil-fatt is-Sur Cauchi qatt ma kien l-accountant tas-socjeta'. Is-Sur Cauchi xehed ukoll illi ma kienx jaf jekk kienx hemm xi problemi fis-sens illi l-membri tal-kumpannija kienu

qeghdin jaqghu lura fil-hlasijiet taghhom lill-kumpannija. Is-Sur Cauchi xehed ukoll illi l-imputat lilu qatt ma kien talbu sabiex jissollecita lill-bord biex jiltaqa. Din qatt ma talabhielu formalment.

Illi xehed Stephen Balzan illi fi zmien kien accountant tal-kumpannija Small Shops plc. Huwa qal illi l-imputat l-ewwel darba li kellmu kien fi zmien meta kien gie avvicinat mill-imputat stess biex jaghmillu xi xoghol fil-kumpannija Small Shops Limited u dan kien f'Novembru, 1999. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat kien qallu illi din il-kumpannija kienet giet registrata f'Marzu, 1998, pero' f'Mejju, 1999 kienet ghalqet il-bibien taghha u kien qallu illi kien ried jaghlaq din il-kumpannija ghaliex ma kienx hemm iktar skop ghaliha u x-xhud kien ipprometta illi jghinu sabiex jaghlaq din il-kumpannija. Ix-xhud qal illi dak iz-zmien ma kienx jaf bil-problemi li kellha il-kumpannija u ghalhekk kien talab lill-imputat sabiex igiblu ir-records kollha tal-account tal-kumpannija u l-imputat dawn kien tahomlu. Meta x-xhud kien ra l-"accounting records" ra li dawn ma kienux mizmuma fi stat professjonali. Kien ghamel ir-ricerki tieghu u sab illi l-kumpannija kienet "a public liability company" u li kien hemm madwar ghoxrin shareholder. Kien ra il-kotba u ipprova jaghmel rapport tat-tranzazzjonijiet li kienet ghamlet il-kumpannija fl-1998 u ipprepara draft u talab lill-imputat biex ilaqqa lix-shareholders l-ohrajn sabiex ikunu jistghu jiddiskutu u jara jekk kienitx ukoll l-intenzjoni tax-shareholders l-ohrajn illi tinghalaq il-kumpannija. Effettivament kienu iltaqghu ghall-habta ta' Dicembru 1999 u d-diskussjoni kienet zvolgiet fis-sens illi l-maggoranza tax-shareholders ma riedux jiffirmaw id-dokumenti ghall-likwidazzjoni tal-kumpannija u dana peress illi kien hemm xi dizgwid bejniethom. Ix-shareholders bdew jwahhlu f'xulxin ghaliex il-kumpannija kienet ghalqet il-bibien taghha. Wara l-ewwel laqgha saru xi tlieta jew erba' laqghat ohrajn illi ghalihom ix-xhud kien prezenti. Pero' l-laqghat ma kienux saru ghax-shareholders imma ghad-diretturi li kienu sebgha. Waqt dawn il-meetings ix-xhud kien inghata l-inkarigu biex jipprepara certu rapporti, per ezempju l-ammont tad-debituri illi l-kumpannija kellha tigbor flus minghandhom, l-

ammont ta' kredituri, lista ta' l-assi tal-kumpannija u pagi u salarji li thallsu mill-kumpannija u x-xhud ghamel dawn ir-rapporti. Waqt l-ewwel meeting hareg ukoll il-fatt skond ix-xhud illi kien hemm ghaxar shareholders ohrajn, illi allegatament kienu iddepozitaw is-somma ta' ghaxar telef lira fil-kumpannija. Pero' meta ix-xhud ghamel ir-ricerki, irrizultalu illi dawn ma kienux dahlu bhala shareholders fil-kumpannija. Eventwalment ix-xhud kien hareg kont ghas-servizzi tieghu, pero id-Diretturi bdew iwahhlu f'xulxin u speci ta' hadd ma ried jiehu fuqu illi dawn il-flus kellhom fil-fatt jithallsu lix-xhud. Irrizulta illi l-maggor parti tad-Diretturi ma riedux ihallsu lix-xhud tax-xoghol illi kien ghamel u ghalhekk iddecieda billi jieqaf milli jkompli jaghti is-servizzi tieghu lill-kumpannija. Ix-xhud kompla jghid illil-ewwel ammmont li kien gie depozitat fil-kumpannija kien ta' ghoxrin elf lira, li jirrapprezenta ix-'share capital' tal-kumpannija. Dwar l-ghaxar telef lira depozitati minn dawk l-ghaxar persuni li qatt ma saru shareholders ix-xhud qal illi ma kienx jaf x'kien sar minn dawk il-flus li kienu taw lill-kumpannija. Ix-xhud xehed illi dwar dawk l-ghaxart elef lira dawn ma kienux dahlu f'somma wahda u l-flus intuzaw ghan-negozju tal-kumpannija. Din l-informazzjoni sar jafha waqt l-ewwel laqgha. L-imputat kien infurmah illi kien hemm min kien ta l-flus ta' elf lira li kienu intuzaw ghax-xoghol tal-kumpannija, pero' qatt ma kienu gew registrati bhala shareholders fil-kumpannija. Ix-xhud qal in kontro-ezami illi sabiex persuna tigi registrata bhala shareholder tal-kumpannija, l-procedura kellha tkun illi ssir rizoluzzjoni tax-shareholders kollha tal-kumpannija u b'din ir-rizuluzzjoni ix-shareholders jaqblu illi persuna tkun shareholder tal-kumpannija, ikun hemm il-"bank slip" illi turi illi dik il-persuna iddepozitat il-flus fil-kont tal-kumpannija, flimkien ma rizoluzzjoni tal-kumpannija u dawn jigu irregistrati mad-Direttur tal-Kumpanniji. Fil-kaz odjern, sabiex tghaddi rezoluzzjoni bhal din, il-'quorum' ta' membri prezenti ikun dejjem kif jistipula l-memoradum. Pero' x-xhud kien cert illi l-imputat wahdu ma setghax imexxi registrazzjoni ta' dawn is-shareholders. L-imputat kien Direttur wiehed minn fost xi seba' Diretturi. Ix-xhud qal ukoll illi kien hemm diversi persuni illi kellhom jaghtu flus lill-kumpannija fosthom anke shareholders ta' l-istess kumpannija. Fl-account tal-kumpannija qatt ma kienu gew

registrati mal-MFSA.. Ix-xhud qal ukoll illi sal-gurnata tal-lum il-kumpannija Small Shops plc ghadha ma hijiex likwidata.

Illi xehed ukoll l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament dwar kif giet iffurmata l-kumpannija Small Shops plc u l-iskop ghalfejn kienet giet iffurmata din il-kumpannija. L-imputat xehed illi kien hemm xi persuni wara li kienet giet iffurmata il-kumpannija illi kienu urew interess illi jidhlu shareholders f'din il-kumpannija u kienu avvicinawh ghal dan l-iskop. Dawn il-persuni kienu hallsu l-elf lira, ghaddewha lilu u minn dakinhar stess li ghaddewlu l-flus bdew jiehdu x-xoghol bl-irhis minghand il-kumpannija bhax-shareholders l-ohrajn ta' l-istess kumpannija, jigifieri kienu igawdu mill-istess beneficcji tax-shareholders registrati. Mistoqsi x'ghamel bl-elf lira li kien gabar minghand dawn il-persuni, l-imputat xehed illi kien tefaghhom fil-kont tal-kumpannija li kellha mal-BOV u l-flus kienu intuzaw ghall-affarijiet tal-kumpannija, jigifieri ghan-negozju. Huwa kien informa b'kollox lix-shareholders l-ohrajn, kif ukoll lid-Diretturi. Kien informa wkoll lil Saviour Cauchi li dak iz-zmien kien jiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija u dan Saviour Cauchi kien hareg karta lil dawn il-persuni li kienu hallsu l-elf lira, li pero' baqghu ma gewx registrati bhala shareholders. L-imputat xehed illi huwa kien ghadda l-karti kollha lil Saviour Cauchi u kien dejjem jghidlu, u jitolbu biex jirregistra lil dawn il-persuni bhala shareholders. Pero', skond l-imputat, Saviour Cauchi dejjem kien jittrattjeni. Fiz-zmien in kwistjoni, l-kumpannija kienet fl-aqwa taghha, izda umbaghad, skond l-imputat, ix-shareholders, kif ukoll id-Diretturi bdew jiehu l-flus bi credit, jiehu l-merca bi 'credit' u kienu ilaqqghu lil kulhadd sabiex min ghandu jhallas lill-kumpannija jhallas, gara pero' illi l-flus tal-kumpannija minflok kienu jintefghu fil-kont bankarju kienu qeghdin jinzammu mix-shareholders stess u dana wassal sabiex il-kumpannija spiccat minghajr flus f'idejha u kullhadd min kellu jiehu l-flus beda ovvjament jaghfas sabiex jiehu flusu. Il-kumpannija waqfet topera f'Mejju tal-1999, pero 'ghadha registrata. L-imputat xehed illi ghadha registrata ghaliex meta ghaddew l-accounts tal-kumpannija d-Diretturi ma riedux jiffirmaw. Fil-fatt wara Saviour Cauchi

gie imqabbad xi hadd iehor, certu Stephen Balzan. L-imputat xehed illi kien ghadda l-karti kollha lil Stephen Balzan f'Novembru, 1999 sabiex jipprocedi ghall-likwidazzjoni tal-kumpannija. L-imputat kompla jixhed illi ma Stephen Balzan kienu iltaqghu bejn id-Diretturi. Huwa wera l-accounts tal-kumpannija u fuq dak li kien wera Stephen Balzan hadd ma kien jaqbel mid-Diretturi. Anzi mhux kullhadd, pero' l-maggoranza tad-Diretturi ma qablux, kien hemm id-disgwid. L-imputat kompla jixhed illi sakemm waqfet toppera l-kumpannija, il-kumpannija baqghet sal-ahhar taghti l-merci bil-prezzijiet ridotti lil kullhadd. Izda umbaghad meta l-affarijiet marru hazin ma kienx ghad fadal bizzejjed merca fil-warehouses u ghalhekk falliet. L-imputat xehed ukoll illi l-persuni li ma gewx registrati bhala shareholders baqghu sal-ahhar jiehdu l-merca minghand il-kumpannija bi prezz ridott bhal ma kienu jiehdu x-shareholders registrati. Huwa xehed ukoll illi hadd mix-shareholders, lanqas dawk registrati ma ha xi flus minghand il-kumpannija. Dak li hadu kien merci, kif hadu l-persuni illi kienu hallsu l-elf lira, pero' li qatt ma gew registrati bhala shareholders. L-imputat rega' xehed illi l-flus li kienu tawh dawk il-persuni illi qatt ma gew registrati bhala shareholders kienu ghaddew fil-kont tal-kumpannija u kienu jibbenefikaw dawn il-persuni li qatt ma saru shareholders mill-merkanzija li kienu jiehdu daqs ix-shareholders li kienu registrati. L-imputat ikkonferma li dawk il-persuni li ma gewx registrati bhala shareholders qatt ma inghataw lura l-elf lira li kienu hallsu sabiex isiru shareholders tal-kumpannija.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'reat ta' misappropjazzjoni, kif ukoll minhabba l-fatt illi allegatament il-flus in kwistjoni gew fdati lilu minhabba l-kariga jew servizz tieghu. In "poche parole" ir-reati kontemplati fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Illi una volta li esponiet il-fatti ta' dan il-kaz in ezami il-Qorti issa sejra tghaddi biex tara jekk jirrizultawx minn dawn il-fatti l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Tancred Fleri Soler moghtija fit-30 ta' Ottubru 1975. F'dan il-kaz il-Qorti kienet qalet hekk :
"Dan ir-reat a differenza mis-serq li hi karatteristika tieghu li jivvjola l-pussess biss, il-karatteristika specjali ta' dan ir-reat hija l-abbuz tal-fiducja li tkun riposta fl-agent u l-fiducja tibqa l-oggett specifiku tat-tutela guridika penali." Hawn hekk fis-sentenza saret referenza ghal Petrocelli "L-appropriazione indebita 1933" pagna 115, kif ukoll "Nuovissimo Digesto, appropriazione indebita, volume 1" pagna 792. Is-sentenza tkompli hekk :
"Dan l-abbuz ta' fiducja umbaghad jikkonsisti fi vjolazzjoni ta' l-obbligu tar-restituzzjoni jew tal-uzu determinat tal-haga, liema vjolazzjoni issir bl-inversjoni tat-titolu tal-pussess in kwantu l-agent jaghmel uzu mill-haga fdata jew konsenjata lilu b'dak l-obbligu bhal li kieku kienet tieghu".

Illi in kwantu ghall-elementi illi jikkostitwixxu dan ir-reat, skond l-awtur Antolisei, "Manuale di Diritto penale, parte speciale", volum 1, pagna 316 u pagna 331 iridu jissussistu s-segwenti elementi kollha : - L-imputat irid ikollu l-pussess ta' l-oggett materjali li jappartjeni lil haddiehor u l-karatteristika ta' dan ir-reat tikkonsisti fil-vjolazzjoni tal-fiducja riposta fl-agent mill-proprjetarju tal-oggett mobbli, li jkun gie fdat lill-agent taht titolu illi igib l-obbligu tal-haga, jew inkella li jsir uzu minnha specifikat. Illi ta' min jghid illi dan l-ewwel element jirrizulta mill-atti processwali u dana peress illi l-persuni li xtaqu isiru shareholders taw kull wiehed l-ammont ta' elf lira lill-imputat u dana sabiex huwa jirregistrahom bhala shareholders tal-kumpannija 'Small Shops plc'. L-oggett materjali ta' dan ir-reat huma l-flus jew l-oggett fdat. F'dan il-kaz l-oggett materjali huma l-elf lira li kull persuna li ma gietx registrata bhala shareholder tat lill-imputat.

It-tielet element ta' dan ir-reat huwa illi l-agent irid ikollu l-pussess ta' l-oggett mobbli. Dan l-element ukoll gie sodisfatt peress illi jirrizulta illi l-imputat fil-fatt kellu fil-pussess tieghu l-elf lira li dawk il-persuni li xtaqu isiru shareholders kull wiehed minnhom ghaddewlu ghal dan il-ghan.

Ir-raba’ element illi irid jigi ippruvat sabiex jissussisti r-reat ta’ misappropjazzjoni huwa illi l-agent irid ikun approprja ruhu mill-oggett mobbli appartenenti lil haddiehor. Dan ifisser illi l-agent, f’dan il-kaz l-imputat, irid ikun agixxa b’dan l-oggett proprju daqs li kieku kien tieghu u mhux appartenenti lil haddiehor.

Illi l-Qorti tosserva illi fil-kaz odjern dan l-element ma giex ippruvat. Dak illi ghamel l-imputat b’dawn il-flus illi gew fdati lilu minn persuni li xtaqu isiru shareholders kien illi ghadda dawn il-flus f’idejn Saviour Cauchi li kien qieghed jiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija ‘Small Shops plc’ u dan jirrizulta mill-istess xhieda tas-Sur Cauchi a fol. 72 tal-process. Is-Sur Cauchi dwar dawn il-flus kompla jixhed illi eventualment il-flus marru fil-bank account tal-kumpannija, jigifieri fil-kont bankarju li kellha l-kumpannija mal-BOV. Dan gie ritenut mill-imputat fix-xhieda tieghu u gie anke kollaborat mix-xhieda tas-Sur Saviour Cauchi a fol. 72 u 73 tal-process. A fol. 74 is-Sur Cauchi xehed illi l-imputat kien ghaddihielu d-dettalji tal-membri prospettivi godda sabiex ikun infurmat bihom u jiehu hsieb jinkludihom fil-memorandum u dana sabiex isiru shareholders tas-socjeta’. Pero’ s-Sur Cauchi ma setghax jaghmel dan qabel ma jiltaqa l-bord. Jirrizulta ghalhekk mix-xhieda tas-Sur Cauchi dak illi dejjem tenna l-imputat, kemm meta gie interrogat mill-pulizija u kif ukoll meta xehed fil-Qorti, u cioe’ illi d-diffikulta kienet illi l-Bord ma iltaqax biex dawn il-persuni jigu registrati bhala shareholders wara li tkun ghaddiet resoluzzjoni tad-Diretturi u tax-shareholders tal-kumpannija u dana peress li kien hemm xi dizgwid bejn id-Diretturi u x-shareholders tal-kumpannija.

Illi dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat minn Stephen Balzan illi dahal bhala accountant il-gdid tal-kumpannija wara s-Sur Cauchi. Is-Sur Balzan dahal fl-operat ta’ din il-kumpannija ‘Small Shops plc’ proprju meta kienet diga’ falliet, pero’ lilu irrizultalu illi kien hemm dizgwid bejn ix-shareholders, kif ukoll bejn id-Diretturi u kien ghalhekk illi dawk il-persuni li kienu hallsu l-elf lira biex isiru

shareholders ma sarux shareholders u dana peress illi qatt ma kien tlaqqa l-bord ghal dan il-ghan.

Illi fattur iehor relevanti ferm huwa illi l-persuni, almenu tnejn minn dawn il-persuni li xtaqu isiru shareholders, pero' baqghu ma sarux u precizament is-Sur Mario Tanti u s-Sur Gerry Vella hallsu l-ammont ta' elf lira mhux lill-imputat, imma lil certa Ruth Frendo, impjegata ma Cauchi and Abdilla Castillo, "certified public accountants", u dan skond kif jirrizulta mid-Dokumenti esebiti a fol. 63 u 67 tal-process. Dan kollu jikkollabora x-xhieda li ta l-imputat fis-sens illi huwa l-flus kien ghaddihom lis-Sur Cauchi li kien qieghed jiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija.

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif jista jinghad illi l-imputat immisapproprja dawn il-flus meta l-istess flus huwa ghaddihom lill-accountant is-Sur Cauchi skond kif jirrizulta mid-Dokumenti imsemmija.

Illi skond l-Antolisei il-hames element illi jrid jigi ippruvat sabiex jissussisti dan ir-reat huwa illi l-agent irid ikun ottjena profitt ingust ghalih jew ghal haddiehor b'dawn il-flus illi huwa immisapproprja. Illi di fatti irrizulta mill-provi illi dawn il-flus intuzaw ghall-operat tal-kumpannija. Irrizulta ukoll skond kif xehdu Mario Tanti, Gerry Vella u Carmel Magri, tlieta minn dawk il-persuni illi taw il-flus sabiex isiru shareholders pero' qatt ma gew registrati bhala tali, illi huma kienu jakkwistaw l-istess beneficcji mill-kumpannija 'Small Shops plc' daqs ix-shareholders irregistrati ta' din il-kumpannija, jigifieri huma kienu jixtru l-merci minghand din is-socjeta' bi prezz ridott sabiex ibieghuhom fil-hwienet taghhom. Dawn il-persuni xehdu illi huma bdew jakkwistaw dan id-dritt li jixtru l-merci bi prezz ridott bhax-shareholders registrati tal-kumpannija ezatt kif taw il-flus biex isiru shareholders, jigifieri dawk l-elf lira illi kull wiehed minnhom hallas. Ghaldaqstant jirrizulta ampjament illi l-flus illi huma hallsu marru ghall-operat tal-kumpannija, marru sabiex il-kumpannija tkun tista tixtri l-merci, liema merci gew mibjugha kemm lix-shareholders, kif ukoll lill-persuni li hallsu biex isiru shareholders imma qatt ma saru shareholders bi prezz

ridott u dan kien l-ghan kollu il-ghaliex giet iffurmata l-kumpannija ‘Small Shops plc’.

Illi b’ebda mod ma irrizulta jew gie ippruvat illi l-imputat akkwista xi profitt ingust ghalih jew ghal haddiehor. Is-socjeta’ ibbenifikat lil kulhadd b’mod ugwali u dan irrizulta bl-aktar mod car.

Illi finalment is-sitt element illi jrid ikun ippruvat huwa d-dolus, il-konsapevolezza da parti tal-agent illi qieghed jakkwista profitt ingust ghalih jew inkella ghal haddiehor b’detriment ghal haddiehor.

Illi certament ma giex ippruvat illi l-imputat ottjena xi profitt ingust ghalih jew ghal haddiehor b’detriment ghall- persuni li xtaqu isiru shareholders pero’ baqghu ma sarux. Anzi gie ippruvat li dawn il-persuni ibbenifikaw daqs kull shareholder registrat. L-imputat ma kienx l-uniku Direttur tal-kumpannija. Bhala Diretturi kien hemm sebgha. L-imputat ghamel minn kollox sabiex jirregistra lil dawn l-persuni bhala shareholders, pero’ minhabba cirkostanzi li ma kellu l-ebda kontroll fuqhom dawn il-persuni baqghu ma gewx registrati bhala shareholders. Illi dan il-fatt biss pero’ ma iwassalx ghal sejbien ta’ htija f’dan il-kaz.

Illi certament ma tirrizulta l-ebda sitwazzjoni fis-sens illi l-imputat qarraq b’haddiehor. L-imputat agixxa in buona fede u kif diga intqal dak illi gara ma garax tort tieghu, izda minhabba cirkostanzi imprevedibbli u illi huwa ma kellu l-ebda kontroll fuqhom.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda **tillibera** lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------